



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 13.2.2006
KUMM(2006) 58 finali

2001/0004 (COD)

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

skond l-Artikolu 251(2), it-tielet subparagrafu, il-punt(c) tat-Trattat tal-KE, dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni komuni tal-Kunsill rigward il-proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-makkinarju u li temenda d-Direttiva 9516/KE

**JEMENDA L-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI
b'mod konformi ma' l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE**

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

skond l-Artikolu 251(2), it-tielet subparagrafu, il-punt(c) tat-Trattat tal-KE, dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni komuni tal-Kunsill rigward il-proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-makkinarju u li temenda d-Direttiva 9516/KE

1. DAĦLA

L-Artikolu 251(2), it-tielet subparagrafu, punt (c) tat-Trattat tal-KE jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tagħti opinjoni dwar l-emendi proposti mill-Parlament Ewropew fit-tieni qari. Il-Kummissjoni tistipula l-opinjoni tagħha dwar l-emendi proposti mill-Parlament f'dan li ġej.

2. SFOND

- (a) Id-data tat-trażmissjoni lill-Parlament u l-Kunsill: is-26 ta' Jannar 2001
- (b) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali it-12 ta' Settembru 2001
- (c) Id-data ta' l-opinjoni ta' l-ewwel qari fil-Parlament Ewropew: l-4 ta' Lulju 2002
- (d) Id-data tat-trażmissjoni tal-proposta emendata: il-11 ta' Frar 2003
- (e) Id-aata tal-ftehim politiku fil-Kunsill: l-24 ta' Settembru 2004.
- (f) Id-data ta' l-adozzjoni tal-pożizzjoni komuni: it-18 ta' Lulju 2005 (unanimità)
- (g) Id-data ta' l-opinjoni tat-tieni qari: il-15 ta' Diċembru 2005

3. IL-GĦAN TAL-PROPOSTA

L-għan tal-proposta inizjali kien li jassigura l-moviment ħieles tal-prodotti fi ħdan l-ambitu bis-saħħa tal-garanzija ta' livell għoli ta' protezzjoni fl-oqsma tas-saħħa, tas-sikurezza u tal-ħarsien tal-konsumatur. Il-prodotti fi ħdan l-ambitu huma essenzjalment il-makkinarju u l-prodotti użati flimkien mal-makkinarju.

F'konformità mal-konklużjonijiet tar-rapport Molitor ta' l-1994, l-għan tal-proposta inizjali kien li jipprovdi tifsiriet aħjar ta' kunċetti varji, li jiċċara ċerti aspetti u li jassigura aħjar l-applikazzjoni uniformi. Għal dan l-għan, l-ispejgazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità u l-proċeduri tas-sorveljanza tas-suq kienu mtejbja, sabiex ikunu evitati interpretazzjonijiet diverġenti ta' dawn il-proċeduri.

Il-proposta inizjali għal reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju tħejjiet fuq il-bażi ta' proposti mfasslin minn grupp ta' livell għoli ta' esperti indipendenti minn sfondi

varji. Hija wkoll qiset l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni Prattika tad-Direttiva 89/392/KEE emendata¹.

L-elementi ewlenintal-proposta kienu dawn li ġejjin:

- Definizzjoni aħjar ta' l-ambitu tad-direttiva, kjarifika tad-demarkazzjoni ma' direttivi oħra, partikolarment mad-Direttiva dwar il-Vultaġġ Baxx² u dik dwar il-Lifts³, u deskrizzjoni ċara tal-kunċett ta' "Makkinarju Parzjalment Komplut";
- It-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet relatati mas-sorveljanza tas-suq u man-notifika tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità.
- L-introduzzjoni ta' proċedura ta' assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa għal ċerti kategoriji ta' makkinarju.

Fil-proposta emendata tagħha, il-Kummissjoni daħħlet ħafna mis-suġġerimenti mill-Parlament Ewropew bl-għan li tkompli ttejjeb id-Direttiva.

4. L-OPINJONI TAL-KUMMISSJONI FUQ L-EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Emendi aċċettati mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tista' taċċetta b'mod sħiħ id-9 emendi kollha adottati mill-Parlament Ewropew. dawn huma r-riżultat ta' pakkett ta' compromess maqbul bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill bil-għan li tiġi adottata d-Direttiva fit-tieni qari. L-emendi huma konformi ma' l-għanijiet tal-proposta tal-Kummissjoni u jżommu l-bilanċ ta' l-interessi miksuba fil-pożizzjoni komuni.

L-emendi lill-Pożizzjoni Komuni għandhom x'jaqsmu prinċipalment mat-tisħiħ tas-sorveljanza tas-suq u l-kjarifiki dwar l-istatus tal-marka KE, l-ambitu ta' l-applikazzjoni, il-kunfidenzjalità u l-obbligi tal-korpi notifikati fil-kuntest tas-sietmi ta' ċertifikazzjoni ta' assikurazzjoni sħiħ ta' kwalità.

Il-konklużjoni tal-pakkett ta' compromess ġiet iffaċilitata minn tliet dikjarazzjonijiet li l-Kummissjoni għamlet waqt is-sessjoni Plenarja ta' Diċembru 2005 (ara l-anness).

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 89/392/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-makkinarju, ĠU L 183, tad-29.06.1989, p. 9. Din id-Direttiva ġiet ikkodifikata mid-Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-makkinarju, ĠU L 331, tat-23.7.1998, p. 1. Id-Direttiva emendata bid-Direttiva 98/79/KE (ĠU L 331, tas-7.12.1998, p. 1).

² Id-Direttiva tal-Kunsill 73/23/KEE tad-19 ta' Frar 1973 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-vultaġġ, ĠU L 77, tas-26.3.1973, p. 29. Id-Direttiva emendata bid-Direttiva 93/68/KE (ĠU L 220, tat-30.8.2003, p. 1).

³ Id-Direttiva 95/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 1995 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-lifts, Ġ.U. L 213, tas-7.9.1995, p. 1. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

5. KONKLUŻJONI

Skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE, il-Kummissjoni temenda l-proposta kif stipulat fuq.

ANNEX

Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni:

Marka KE

Bla ħsara għar-rispett tal-leġislazzjoni Komunitarja, il-Kummissjoni, fi ħdan il-kuntest tar-reviżjoni ta' l-Approċċ il-Ġdid, ippjanata għal nofs l-2006, se tiċċara l-kundizzjonijiet għat-tqegħid ta' marki oħra fir-rigward tal-marka KE, sew jekk ikunu nazzjonali, Ewropej u privati.

Tratturi (Trakters) I

Il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li, sabiex l-aspetti kollha relatati mas-saħħa u s-sikurezza tat-tratturi għall-agrikoltura u għall-foresterija jkunu koperti f'Direttiva waħda armonizzata, id-Direttiva 2003/37/KE dwar l-approvazzjoni tat-tip tat-tratturi għall-agrikoltura u għall-foresterija, il-karrijiet tagħhom u makkinarju li jinġibed u li jista' jinbidel, flimkien mas-sistemi tiegħu, il-komponenti u l-unitajiet separati tekniċi teħtieġ tinbidel sabiex tindirizza r-riskji kollha rilevanti tad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

Modifika bħal din tad-Direttiva 2003/37/KE għandha tinkludi emenda tad-Direttiva dwar il-Makkinarju, sabiex l-espressjoni "għar-riskji" titneħħa mill-Artikolu 1 (2) (e), l-ewwel inċiż.

Tratturi (Trakters) II

Il-Kummissjoni tagħraf il-hteġa li tinkludi fid-direttivi dwar it-tratturi għall-agrikoltura u għall-foresterija aktar rekwiżiti għal riskji li għandhom mhumieks koperti minn dawn id-direttivi. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni bħalissa qed tqis miżuri xierqa li jinkludu referenzi għar-regolamenti tan-Nazzjonijiet Uniti, l-istandards CEN u ISO u l-kodiċi OECD.